MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 254/2013

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-7 ta’ Ottubru, 2002 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mill-ghada taz-zwieg, il-kontendenti qatt m'ghexu flimkien, ghaliex l-esponenti kienet taht l-influwenza tad-droga, filwaqt li l-intimat ghazel li jizzewweg ghan-necessita` tieghu, biex bhala strangier, jibqa` jghix hawn Malta.

Illi ghalhekk, il-kontendenti ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar min erba' snin.

Illi qed jigi ddikjarat ukoll li m'hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin.

Illi l-esponenti tixtieq tirrinunzja ghad-dritt taghha ta' manteniment minghand zewgha l-intimat.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tiddikjara li ghandu jigi ppronunzjat id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccelebrat civilment fis-7 ta' Ottubru, 2002, ghandu jihall u dan ai termini tal-Artikolu 66 (A);

ii. Tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti u tordna il-beni formanti parti mill-istess kommunjoni jigu divizi kif jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti u ghall-finijiet ta' dina t-talba jigi nominat Perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-Att.

iii. ir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2013;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat illi l-partijiet ghaddew mill-process ta' medjazzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti pendenti bejn il-partijiet, izda ma tistax tordna id-divizjoni taghha peress illi ma tressqet l-ebda prova quddiem il-Qorti dwar l-assi u l-beni formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------